MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Numru. 369/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Mark Micallef**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Mark Micallef, ta' 40 sena, iben Carmelo u Paula nee Gauci, imwieled Rabat fit-22 ta' Lulju, 1964, u li joqghod Mark's F/H, Wied Rini, (il-Bahrija) Rabat, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 408764(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, f'hanut bl-isem ta' "Shoe Market" li jinsab fi Triq il-Hgejjeg, San Gwann, fl-1 ta' April, 2005 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi

zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. iffalsifika, jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bejgh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, bejgh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' basktijiet u accessorji bil-marki tad-ditta Louis Vuitton. (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod ieohr ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna orha protetti bil / jew taht il-Ligi ta' Malta.  (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 298 B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. U aktar talli fl-istess perjodu, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju applika fuq oggetti jew fuq ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma trademark registrata, jew biegh jew kreja, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal bhal dak;  (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 72 (1) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta);

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex skond id-diskrezzjoni taghha, f'kaz ta' htija, thassar il-licenzja jew inkella tissospendi tali licenzja ghal xi zmien, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 31 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni ta’ l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-Mark Micallef ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti jew periti fil-proceduri hekk kfi ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 27 ta’ April 2005 (esebit a fol. 10 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-18 ta’ April 2008 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri gew inizjati wara li l-Pulizija rceviet kwerela datata 30 ta’ Marzu 2005 (inserita a fol. 27 tal-atti processwali) minghand Dr. Antoine Camilleri ghan-nom tas-socjeta’ Louis Vuitton Malletier ta’ Franza fejn gie allegat li minn hanut bl-isem ta’ Shoe Market, fi Triq il-Hgejjeg, San Gwann kienu qed jinbieghu prodotti counterfeit bil-markji li jappartjenu lil Louis Vuitton u li dan kien qed isir bi ksu tal-Artikoli 298 u 298B tal-Kodici Kriminali. Huwa talab lil Pulizija sabiex tinvestiga dwar dan il-fatt u sussegwentement tiehu proceduri krininali fir-rigward. Mill-provi rrizulta li fl-1 ta’ April 2005 l-Ispettur Kevin Borg (illum ex Spettur) u PC344 kienu marru fl-imsemmi hanut f’San Gwann minn fejn elevaw sitt

handbags u hames portmonijiet li lkoll kellhom il-markju allegatament counterfeit ta’ Louis Vuitton (dawn l-oggetti gew esebiti fl-udjenza tal-20 ta’ Gunju 2008 u huma mmarkati bhala Dok. AD1). Mill-investigazzjonijiet li ghamlet il-Pulizija rrizulta li l-propjetarju tal-hanut minn fejn gew elevati dawn l-oggetti allegatament counterfeit kien l-imputat fil-kawza odjerna, u cioe’ Mark Micallef. L-imputat irrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 30 u 31 tal-atti processwali) fejn huwa accetta r-responsabilita’ ghall-esposizzjoni ghall-bejgh tal-oggetti li gew elevati mill-hanut tieghu u qal li ma kienx jaf li l-oggetti elevati jixbhu il-prodoti tad-ditta Louis Vuitton. Huwa qal li kien xtara dawn l-oggetti minghand wholesaler f’Catania l-Italja ghall-prezz ta’ bejn €3 u €5 u meta gie mistoqsi jekk kienx talab ghal certifikat li kien jiggarantixxi l-originalita’ ta’ dawn l-oggetti rrisponda li ma kienx ghamel hekk. Huwa qal ukol li kien qed ibiegh dawn il-basktijiet ghall-prezz ta’ Lm5.90.

Illi fost il-provi migjuba f’din il-kawza l-Prosekuzzjoni resqet bhala xhud lil John Richards (Principal fl-ufficcju tal-Kontrollur tal-Propjeta’ Industrijali) li xehed fl-udjenza tal-20 ta’ Gunju 2008 fejn dan prezenta kopji ta’ tlettax-il certifikat ta’ registrazzjoni ta’ trademarks registrati f’isem is-socjeta’ Louis Vuitton Malletier ta’ Franza kemm hawn Malta kif ukoll bhala Community Trade Marks (certifikati inseriti a fol. 52 sa 76 tal-atti processwali).

Illi minn ezami tal-oggetti kollha elevati mill-hanut propjeta’ tal-imputat u li huma mmarkati bhala Dok. AD1 jista’ jigi kkonstatat li ghalkemm dawn il-prodotti m’ghandhomx il-kliem Louis Vuitton fuqhom dawn ghandhom il-markju LV kif ukoll il-markju li jissejjah “it-twin monogram” liema markji distintivi huma it-tnejn registrati kemm hawn Malta kif ukoll bhala Community Trademarks (ara certifikati relattivi a fol. 52 sa 76 tal-atti processwali).

Illi l-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 93 sa 96 tal-atti processwali) fejn wara li kkonferma dak li qal fl-istqarrija minnu rilaxxjata huwa sostna li qatt ma propona ghall-bejgh l-oggetti li gew elevati mill-Pulizija bhala li

kienu tal-marka Louis Vuitton. Huwa qal li kien jixtri il-handbags bil-bulk minghand wholesalers cinizi f’Catania u spjega li ma kienx jindika xi marka partikolari fuq il-prodotti li kien ibiegh. F’dawn il-proceduri xehdet ukoll Josephine Caruana (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 99 sa 102) fejn din spjegat li kienet impjegata mal-imputat u kienet tiehu hsieb l-ordnijiet u l-paperwork u qalet li kien ovvju li l-prodotti elevati mill-hanut tal-imputat mill-Pulizija ma kienux originali u tad-ditta Louis Vuittion ghaliex kienu qed jinbieghu ghall-prezz ta’ Lm5.90 biss u kienu maghmulin minn materjal sintetiku u mhux tal-gilda bhal prodotti originali Louis Vuitton.

Ikkunsidrat:

Illi f’dan il-kaz waqt l-udjenza tat-2 ta’ Lulju 2010 kemm il-Prosekuzjoni kif ukoll id-Difiza ghamlu referenza ghal trattazzjoni ohra li saret fl-istess udjenza fil-kaz fl-ismijiet ‘Pulizjia vs David Delicata’ u ddkjaraw li a skans ta’ ripetizzjoni dawk il-punti trattati ghandhom japplikaw ukoll ghall-kawza odjerna.

Illi f’dan il-kaz l-imputat qed jigi addebitat bi tlett reati separati u distinti u cioe’ bir-reat ta qerq fil-kummerc kontemplat fl-Artikolu 298 tal-Kodici Kriminali, bir-reat ta’ ksur ta’ drittijiet tal-awtur (copyright infringement) kontemplat fl-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali u bir-reat ta’ trademark infringement kontemplat fl-Artikolu 72 tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta’ Malta. Jibda sabiex jinghad li waqt it-trattazzjoni finali l-Prosekuzzjoni ikkoncediet li fil-fatt ir-reat ta’ ksur tad-drittijiet tal-awtur kontemplat fl-Artikolu 298B fil-fatt ma jissussistix fil-kaz odjern stante li d-drittijiet li s-socjeta’ kwerelanti tirritjeni li gew lezi huma dawk konnessi ma trademarks mhux ma copyright. Il-Qorti taqbel pjenament li minn imkien mill-provi ma jirrizulta li seta’ kien hemm xi ksur tad-drittijiet tal-awtur u ghalhekk l-imputat sejjer jigi dikjarat mhux hati tat-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi jibqa’ ghalhekk li jigu kkunsidrati ir-reati ta’ trademark infringement kontemplat fl-Artikolu 72 tal-Kap. 416 tal-Ligiijiet ta’ Malta u r-reat ta’ qerq fil-kummerc kontemplat

fl-Artikolu 298 tal-Kodici Kriminali. F’dan l-istadju l-Qorti tghid mal-ewwel li taqbel ma dak sottomess mid-Difiza li l–ghan tal-legislatur in kwantu jirrigwarda dawn iz-zewg reati separati u distinti m’huwiex identiku. Fil-kaz tal-Artikolu 298 il-ligi qed tipprotegi lill-konsumatur milli jigi mqarraq minn persuna li tapplika jew altrimenti tispaccja jew tbiegh minghajr il-kunsens tas-sid prodotti b’markji, sinjali distintivi, u emblemi li jkollu jedd fuqhom haddiehor filwaqt li fil-kaz tar-reat ta’ trademark infringement kontemplat fl-Artikolu 72 tal-Kap. 416 il-ligi qed tipprotegi d-drittijiet tal-propjetarju tat-trademark minn haddiehor li jipprova japplika jew juza markju identiku jew simili ghal dak li jkun registrat f’ismu. Fil-kaz tar-reat kontemplat fil-Kap. 416 tal-Ligijiet ta’ Malta ir-rekwiziti sabiex jissussisti dan ir-reat huma li wiehed ikun propjetarju ta’ markju registrat u li persuna ohra b’intenzjoni li tigwadanja ghaliha nniifisha jew ghal terzi jew altrimenti li tikkawza hsara, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju tapplika jew tuza markju jew sinjal distintiv li jkun identiku jew jixxiebah ma markju registrat. L-Artikolu 72(1) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-fatt jipprovdi s-segwenti:-

***“72. (1) Persuna li bil-ghan li tiehu vantagg ghaliha nnifisha jew ghal persuna ohra, jew bil-Hsieb li tikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju -***
***(a) tapplika fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x’aktarx jithawwad ma’ trademark registrata, jew***
***(b) tbiegh jew tikri, toffri jew tesponi ghall-bejgh jew kiri jew tqassam oggetti li jkollhom fuqhom, jew li lippakkettjar tag]hom ikollu fuqu, sinjal bhal dak, jew***
***(c) jkollha fil-pussess, kustodja jew kontroll taghha filkors ta’ xi negozju xi oggetti bhal dawk bil-ghan li hi jew persuna ohra taghmel xi haga li tkun reat taht il-paragrafu (b), jew***
***(d) tapplika sinjal identiku ma’ trademark registrata, jew li x’aktarx jithawwad ma’ trademark registrata, ma’ xi materjal mahsub biex jintuza -***
***(i) ghall-ittikkettjar jew l-ippakkettjar ta’ oggetti,***
***(ii) bhala kartolerija kummercjali ghar-rigward ta’***

***oggetti, jew***
***(iii) ghar-reklamar ta' oggetti, jew***
***(e) tuza, fil-kors ta' xi negozju, materjal li jkun fih sinjal bhal dak g]all-ittikkettjar jew l-ippakkettjar ta' oggetti, jew bhala kartolerija kummercjali ghar-rigward ta' oggetti, jew ghar-reklamar ta' oggetti, jew***
***(f) jkollha fil-pussess, kustodja jew kontroll taghha, filkors***
***ta' xi negozju, xi materjal bhal dak bil-ghan li hi jew persuna ohra tag]mel xi haga li tkun reat taht il-paragrafu (e), jew***
***(g) (i) taghmel oggett li jkun specifikatament disinjat jew adattat ghall-ghemil ta' kopji ta' xi sinjal ta' trademark registrata, jew ghall-ghemil ta' sinjal li x'aktarx jithawwad maghha, jew***
***(ii) ikollha xi oggett bhal dak fil-pussess, kustodja jew kontroll taghha fil-kors ta' xi negozju, filwaqt li tkun taf jew ikollha ghaliex tahseb li tkun intuzat, jew li tkun se tintuza, biex tipproduci oggetti, jew materjal ghall-ittikkettjar jew l-ippakkettjar ta' oggetti, bhala kartolerija kummercjali ghar-rigward ta' oggetti, jew ghar-reklamar ta' oggetti, tkun hatja ta' reat kontra dan l-artikolu."***

Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li s-socjeta' Louis Vuitton Malletier hija propjetarja ta' diversi trademarks konsistenti kemm fil-kelma Louis Vuitton kif ukoll tal-ittri 'LV' kif distintivament riprodotti (ara is-sinjal distintiv indikat fic-certifikati esebiti a fol. 58) kif ukoll tas-sinjal distintiv hekk imsejjah twin monogram' (ara certifikat esebit a fol. 52) liema markji huma debitament registrati bhala trademarks kemm taht il-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll bhala Community Trademarks u ghal kategorija ta' oggetti li gew elevati mill-hanut tal-imputat. Il-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova wkoll li dawn il-prodotti m'humiex prodotti originali Louis Vuittion fis-sens li l-imputat stess fl-istqarrija minnu rilaxxjata mal-ewwel accetta li dawn il-rpodotti ma kienux tal-marka Louis Vuitton. Id-Difiza izda ssostni li huwa ma kienx qed jipprova jbiegh dawn il-prodotti bhala Louis Vuitton stante li dawn la kellhom il-kliem Louis Vution fuqhom u fi kwalunkwe kaz il-prezz li bih kienu qed jinbeighu huwa

ferm anqas minn dak li bih jinbieghu il-prodotti originali Louis Vuittion u din hija ndikazzjoni fiha nnifisha li l-imputat ma kienx qed jipprova jghaddi il-prodootti li kienu fil-hanut tieghu bhala originali ta' Louis Vuitton.

F'dan ir-rigward jibda sabiex jinghad li sabiex ikun hemm trademark infiringement' m'huwiex necessarju li jkun hemm riproduzzjoni tal-isem tal-prodott. Trademark jista' jikkonsisti f'kelma wahidha, f'sinjal distintiv wahdu jew altrimenti it-tnejn f'daqqa u fil-kaz odjern gie pruvat li s-socjeta' Louis Vuittion Mallettier hija propjetarja kemm tal-markju konsistenti fil-kliem Louis Vuitton kif ukoll dik konsidtenti fl-ittri 'LV' kif distintivament riprodotti u ta-'twin monogram'. Kif intqal aktar il-fuq mal-ewwel daqqa t'ghajn jirrizulta immedjatament li fuq i-oggetti elevati milll-hanut tal-imputat hemm riprodotti l-irtri 'LV' kif distintivament riprodotti kif ukoll it-'twin monogram'. Mill-provi rrizulta li dawn is-sinjali jew emblemi distintivi jappartjenu esklussivament lis-socjeta' imsemmija u ghalhekk hadd ma jista' jaghmel uzu minnhom minghajr il-kunsens taghha. Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li gie pruvat li l-imputat pogga ghall-bejgh oggetti bil-markji msemmija minghajr il-kunsens tas-sid. F'dan ir-rigward l-imputat isostni li l-oggetti minnu mibjugha kienu designer inspired u li huwa kien qed ibieghhom bhala tali. Il-Qorti tippreciza li il-ligi permezz tar-registrazzjoni ta' trademark qed taghti l-uzu esklussiv lil propjetarju tat-trademark li tista' tkun tikkonsisti f'kelma, disinn, emblema eccetera u dan ad eskluzjoni ta' haddiehor. Dan ifisser li hadd ma jista' juza markju identiku jew jixxiebah fuq il-prodott tieghu. Il-kuncett ta' designer inspired japplika ghal disinji li jkunu gew krejati minn xi hadd izda li ma jkunux distintivi bizzejjed sabiex jikwalifikaw bhala trademark. Sabiex wiehed jaghti ezempju designer partikolari jista' jikreja disinn ta libsa jew shape ta' handbag li jkunu partikolari izda mhux distintivi bizzjjed sabiex jikwalifikaw bhal tradramrk ghaliex per ezempju id-isinn ikun funzjonali u allura ma jistghax jinghata in esklussivita' lil haddiehor u ghalkemm dan l-sitil ikun originarjametn gie krejat minn persuna parikolari u assocjat maghha dan ikun jista' jigi riprodott minn ohrajn ghaliex ma jkunx ingahta in esklusivita' lil hadd. Ghalhekk ghalkemm l-istil jigi assocjat

mal-persuan li krejatu ghaliex ikun huwa li krejah jew iriproducih ghall-ewel darba, ma jkunx stil li jkun distintiv sabiex jikwalifika bhala trademark u ghalhekk sabiex min ikrejah jinghata l-uzu eskliussiv tieghu. Disenjaturi tal-moda lkoll ghandhom l-istil partikolari taghhom u hafna intendituri jgharfu stil minn iehor izda dan ma jfissirx li dan l-istil ma jistghax jigi riprodott minn ohrajn anki bi prezzijiet ferm inferjuri. Fl-kaz odjern izda wiehed m’hiuwiex qed jitkellem fuq stil ta’ handbag izda fuq sinjali distintivi li jinsabu fuq il-handbag u li jappartjenu esklussivament lis-socjeta’ Louis Vuitton u ghalhekk ma jistghux jintuzaw minn hadd aktar. Mill-provi rrizulta inekwivokabilment li l-oggetti elevati mill-hanut tal-imputat kellhom riprodotti b’mod kwazi identiku fuqhom dawn il-markji distintivi li jappartjenu esklussivament lis-socjeta’ Louis Vuittion.

Id-Difiza ssostni li sabiex jissussisti ir-reat kontemplat fl-Artikolu 72 tal-Kap. 416 irid ikun hemm il-prova li l-persuna li applikat il-markju jew altrimenti bieghet il-prodott taghha bil-markju simili jew identiku ghal dak registrat f’isem haddiehor irid ikollu l-intenzjoni li jaghmel gwadann ghalih innifsu jew ghal terzi jew altrimenti li jikkawza telf lil haddiehor u d-Difiza tiissottometti li fil-kaz odjern dan bl-ebda mod ma jirrizulta stante li l-imputat minn dejjem iddikjara li l-intenzjoni tieghu qatt ma kienet li jipprova jbiegh dawn il-prodotti bhala Louis Vuitton u li fi kwalunkwe kaz l-ammont minimu ta’ oggetti elevati u l-prezz baxx li bih kienu qed jnbieghu dawn l-oggetti kif ukol il-lok fejn kienu qed jinbieghu jindika li huwa zgur ma kellux l-intenzjoni li jaghmel gwadann u inoltre il-fatt li s-socjeta’ kwerelanti ma tbieghx dawn il-prodotti fuq is-suq lokali hija prova li l-imputat ma kellux intenzjoni li jikkawzalha telf. Il-Qorti assolutament ma taqbel xejn ma din it-tezi tad-Difiza u jdirilha li l-intenzjoni tal-imputat li jaghmel gwadann tirrizulta ampjament u inekwivokabilment ghaliex mix-xhieda ta’ Jsoephine Caruana u anki mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat jirriizulta l huma kienu jafu x’inhuma il-prodotti originali tad-ditta Louis Vuitton u li l-prodott li huma kienu qed ibieghu kien ta kwalita’ ferm inferjuri. L-intenzjoni tieghu verament li ma kienitx li jispaccja dawn il-prodotti bhala origiinali izda kienet li japprofitta mill-fama tal-markju Louis

Vuitton u tal-emblemi u marjki distintivi li jkun hemm fuq dawn il-prodotti billi jispaccja fuq is-suq prodotti ta’ kwalita’ inferjuri bil-markju identiku jew li jixbah hafna lil dak ta’ Louis Vuitton sabiex ibieghhom lil dak il-konsumatur li jkun ben konaspevoli, bhal ma kien l-imputat meta xtara l-oggetti minghand il-wholesaler f’Catania, li il-prodott m’huwiex originali Louis Vuittion, izda nonostante cio’ jkun jixtieq jixtri counterfeit bi prezz ferm inferjuri. L-intenzjoni tal-imputat kienet ghalhekk li jiggwadanja mill-goodwill tal-markju appartenenti lis-socjeta’ kwerelanti billi jiipprovdi ghad-demand tal-konsuamtur li jkun irid hanbag bil-markju Louis Vuitton izda mhux bil-prezz tal-prodott originali Louis Vuitton u fil-fatt l-imputat jipprova jiggustifika l-agir tieghu billi jghid jiena qat ma bieghejt dan il-prodott bhala Louis Vuitton originali izda biss bhala prodott li huwa designer inspired. Il-Qorti tixtieq tippreciza li fil-kaz ta’ dan il-markji bhal Louis Vuitton li jipproducu u jbieghu oggetti ta’ certu kwalita’ u bi prezzijiet pjuttost elevati fejn wiehed sa certu punt ikun qed ihallas ukoll ghall-eskludsivita’ il-ligi tat-trademarks tkun qed tiprotegi mhux biss lill-prpjetraju tat-trademark, f’dan il-kaz lis-socjeta’ Louis Vuittion Malletier, izda anki lil dak il-konsumatur li xtara prodott originali Louis Vuitton  li certament ma jixtieqx li jkun hawn fuq is-suq prodotti ferm inferjuri bi prezzijiet baxxi li jidderubawh mil-esklussivita’ tal-prodott minnu akkwistat.

Il-Qorti jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz tirrizulta ir-reita’ taht l-Artikolu 72(1)(b) tal-Kap. 416.

Ikkunsidrat:

Illi kif intqal aktar ‘il fuq l-imputat jinsab ukoll addebitat bir-reat ta’ qerq fil-kummerc kontemplat fl-Artikolu 298 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fis-sottomissjonijiet finali taghha l-Prosekuzzjoni irriteniet li trattandosi tar-reat inferjuri una volta li tirrizulta ir-reita’ taht l-Artikolu 72 tal-Kap. 416 tal-Ligjiet ta’ Malta trid tirrizulta ir-reita’ ukoll ai temini tal-Artikolu 298.  F’dan ir-rigward izda l-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza fir-rigward u cioe’ li si tratta ta’ zewg reati separati u distinti u li fil-kaz tar-reat kontemplat fl-Artikolu 298 irid ikun hemm mhux biss l-element materjali tar-reat izda anki l-element formali, u

cioe' l-intenzjoni tal-imputat li jinganna Il-Qorti jidrilha li fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-element formali stante li mill-provi rrizulta li l-imputat qatt ma kellu l-intenzjoni li jinganna lil konsuamtur billi jispaccja dan il-prodott bhala wiehed originali Louis Vuitton. Ghal din ir-raguni l-Qorti mhux ser issib htija ai termini tal-imsemmi Artikolu 298 tal-Kodici Kriminali.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li l-ammont ta' oggetti misjuba ma kienx kbir u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi piena pekunjarja tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 72(1)(b) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat Mark Micallef hati tat-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta' elf u hames mitt ewro (€1,500). il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel(1) u t-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

Il-Qorti tordna il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti mmarkati bhala Dok. AD1 u esebiti fl-udjenza tal-20 ta' Gunju 2008 mill-Ispettur Angelo Gafa'.

Illi l-Qorti m'hijiex ser tapplika l-provvediment tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali fil-konfronti tal-imputat stante li jidrilha li n-nomina tal-espert ma kinitx mehtiega f'dawn il-proceduri stante li l-imputat qatt ma sostna li l-prodotti minnu mibjugha kienu originali u cioe' tad-ditta Louis Vuitton.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------